**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA**
**QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dottor Simone Grech LL.D.**

**Il-Pulizija**

**Supretendent Josric Mifsud**
**vs**
**Chalcedon Vella**
**Emenda Moore**

Illum 8 ta' Jannar 2020

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Chalcedon Vella detentur tal-karta ta' l-identita' numru 527577M u Emenda Moore detentrici tal-karta 137081M, li permezz taghhom l-istess imputati gew akkuzati li:

*"….fil-perijodu ta' bejn il-01 ta' Settembru 2011 u t-13 ta' Dicembru 2014 fil-fond Walmar Olives Maisonette no 2, Triq il-Gemmugha, Marsascala bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f' idejh l-imsemmi fond, b' diversi atti maghmula minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal EUR 2,160.79 ghad-dannu talkorporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur*

*Illi l-Qorti ghandha titratta lil Chalcedon Vella bhala persuna recidiva u dan bi ksur ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi f' kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika lpiena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 talLigijiet ta' Malta."*

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Chalcedon Vella li giet ikkonfermata wara li dan inghata zmien ragjonevoli biex jirrikonsidra tali ammissjoni.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li in vista ta' tali ammissjoni ma ghandhux iktar provi xi jressaq.

Rat li d-difiza ghan-nom ta' Emenda Moore ddikjarat li ma ghandhiex provi xi tressaq.

Rat il-verbal maghmul fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat**

In vista ta' l-ammissjoni da parti ta' Chalcedon Vella, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li ssib htija fl-imputat.

Mill-banda l-ohra, din il-Qorti ma tqisx li ghandha ssib htija fl-imputata Emenda Moore stante li ma tressqux provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar limputazzjonijiet imressqa fil-konfront taghha.

In kwantu ghal piena, il-Qorti zammet f' mohha n-natura ta' dawn limputazzjonijiet u l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat Chalcedon Vella.

**Decide**

Ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tillibera minn kull kundanna u htija lil Emenda Moore.

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 261, 263, 264, 267, 270 u 278 qeghda ssib lill-imputat Chalcedon Vella hati ta' l-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tieghu u qed

tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sena, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk Chalcedon Vella jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Qed tordna lill-hati Chalcedon Vella sabiex ihallas lill-Korporazzjoni Enemalta ssomma ta’ EUR 2,160.79c skont l-akkuza u dan fi zmien sitt (6) xhur mid-data tassentenza ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta. Qed ukoll tordna lill-hati Chalcedon Vella sabiex ihallas l-ispejjez kollha inkorsi fil-hatra ta’ l-esperti fl-inkjesta formanti parti mil-atti ta’ din il-kawza ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ dana li tali hlas ghandu jsir sa mhux aktar tard minn sentejn u sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza.

Magistrat Simone Grech

Deputat Registratur